**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 40 – 16 ta’ Dicembru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta’ filgħaxija u saret Agenda 40. Il-laqgha bdiet fis-7.30 ta’ filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Hadd | |
| Assenti: | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kienx hemm membri tal-pubbliku prezenti

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport imhejji mill-kumitat tal-evalwazzjoni u l-aggudikazzjoni tat-tenders u li tqassam minn qabel lill-Kunsilliera.

## 1. TENDER GHAS-SERVIZZ TA’ ACCOUNTANT

1.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerta wahda minghand is-sur Paul Bugeja.

1.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk ir-rata ta’ €50 fix-xahar imnizzla fl-offerta tas-sur Paul Bugeja ghal-laqghat mal-kunsill kienitx biss tapplika ghal meta tintalab laqgha mal-accountant jew inkella kienitx rata kostanti fix-xahar. Is-Segretarju kkonferma li r-rata kienet wahda li riedet tithallas ta’ kull xahar.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aggudikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tenders u l-kuntratt ghas-servizz ta' Accountant jinghata lis-sur Paul Bugeja. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet**; Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b' mod unanimu (82)

**2. TENDER GHAS-SERVIZZ TA' PRINTER**

2.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerta wahda minghand Best Print Co. Ltd.

2.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius qara r-rati kkwotati lill-Kunsilliera.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aggudikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tenders u l-kuntratt ghas-servizz ta' Printing jinghata lil Best Print Co. Ltd.. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b' mod unanimu (83)

**3. TENDER GHAL-MANUTENZJONI TA' STREET LIGHTING**

3.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerta wahda minghand Mica Med Ltd.

3.2. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni sabiex xoghol relatat mal-kuntratt li mhux normali tintalab stima dwaru sabiex il-kunsill jiehu l-ahjar

rati possibli. Is-Segretarju spjega li ghalkemm forsi b' rati gholjin kull meta sar xoghol ta' dan it-tip dawn saru skond ir-rati tal-kuntratt.

3.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li meta kellu f' idejh ix-xoghol tal-fanal ta' hdejn il-klinika Vella, hekk kien ghamel u gab rati ahjar.

3.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aggudikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tenders u l-kuntratt ghal-manutenzjoni ta' street lighting jinghata lil Mica Med Ltd. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b' mod unanimu (84)

## 4. TENDER GHAL-MANUTENZJONI TA' TOROQ URBANI, BANKINI U SQAQIEN

4.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerti minghand Elle's Urban services, Asfaltar Ltd, Schembri Infrastructures, Vella Group u Raymond Calleja. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-kumitat ma kienx f' posizzjoni li jqabbel ir-rati kollha peress li mhux kollha kienu kkwotati bl-istess unit.

4.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li fl-opinjoni tieghu d-dokumenti ghandhom jghaddu f' idejn il-perit u jevalwahom hu sabiex tissolva l-problema mressqa mill-kumitat. Is-Segretarju wiegeb li lanqas il-perit ma seta' jevalwahom sew ghax il-prezzijiet mhux bilfors ikunu proporzjonati mal-unit taghhom.

4.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li l-kuntrattur Raymond Calleja dejjem ta l-aqwa servizz lill-Kunsill u dejjem ghamel xoghol genwin u ta' kwalità tajba.

4.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li ma jaqbilx ma dan ir-ragunament ghax kuntratturi ohra wkoll jistghu jipprovdu servizz tajjeb u ta' kwalità. Il-Kunsillier Agius kompla jghid li meta wiehed jara r-rati, certu rati ma kienux kompatibli mal-ohrajn.

4.5. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf jekk il-Kunsill ikunx regolari jekk ma jimxix mal-parir tal-kumitat tat-tenders u flok iwaqqa l-kuntratt jiehu decizjoni xorta wahda. Is-Segretarju spjega li ghalkemm il-kunsill jappunta dan il-kumitat sabiex jaghti r-rakkomandazzjonijiet tieghu, il-kunsill jinsab fil-libertà li ma jilqaghx dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

4.6. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa kien jibza' dwar il-fatt li issa l-kuntratturi kienu jafu bir-rati ta' xulxin u jekk jerga johrog it-tender joqghodu jilghabu bir-rati.

4.7. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jaghti t-tender ghall-manutenzjoni ta' toroq urbani, bankini u sqaqien. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsillier Emanuel Agius

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet (85)

**5. TENDER GHAS-SERVIZZ TA' PERIT**

5.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerti minghand Building & Design, Dieter Falzon, The Doric Studio, Samuel Formosa, u Med Design Associates.

5.2. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill l-varji rati li pprezentaw Med Design Associates.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aggudikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tenders u l-kuntratt ghas-servizz ta' Perit jinghata lil Med Design Associates. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b’ mod unanimu (86)

## 6. TENDER GHAS-SERVIZZ TA’ EVENTS MANAGEMENT U KONSULENZA TA’ MARKETING

6.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerti minghand WE Advertise Ltd u M&E Co. Ltd.

6.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li ghalkemm ma kien hemm l-ebda dubju dwar liema kienet l-iktar offerta vantaggjuza ekonomikament, huwa ma kienx jara l-iskop ghal dan it-tender u l-Kunsill ghal hafna inqas seta jimpjega persuna part-time li taghmel dan ix-xoghol u kwalunkwe xoghol iehor. Is-Sindku wiegeb li ghal xoghol simili fis-suq kienu jintalbu pagi hafna ghola. Is-Sindku gab ezempju bil-communications co-ordinator ta’ ministeru sabiex jispjega ahjar ir-rwol tal-kumpanija maghzula.

6.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li wiehed irid jara li jkun hemm kontroll fuq il-kumpanija maghzula u l-Kunsill ikun jaf ezatt l-ammont ta’ sighat li l-kumpanija tkun qed taghmel.

6.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li l-laqgha tigi sospiza sabiex ikun jista jiddiskuti dan it-tender ma shabu. Il-laqgha giet sospiza fid-8.45pm. Il-laqgha tkompliet fid-8.50pm.

6.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius spjega li wara li ddiskutew t-tender bejniethom u raw id-diskrepanza fl-offerti finanzjarji huma kienu lesti li jivvutaw b’ mod favorevoli jekk ix-xoghol isir minn gewwa l-ufficju tal-kunsill sabiex ikun hemm kontroll kostanti minn naha tal-kunsill.

6.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aggudikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tenders u l-kuntratt jinghata lil M&E Co. Ltd skond ir-rati mressqa bil-kundizzjoni li x-xoghol kollu isir mill-premises tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b’ mod unanimu (87)

Il-Kunsillier Mario Borg talab li jigi skuzat. Huwa telaq fid-9pm.

## 7. TENDER GHAS-SERVIZZ TA' GBIR TA' SKART DOMESTIKU

7.1. Is-Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport imhejji mill-kumitat dwar dan it-tender. Il-Kunsill ircieva offerti minghand Northern Cleaning Group u Victor Borg. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega l-process li bih il-kumitat evalwa t-tenders li rcieva.

7.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius flimkien mas-segretarju hadmu stima tal-valur tal-kuntratti taht iz-zewg kuntratturi skond ir-rati li gew provduti. Ingibdet l-attenzjoni li Victor Borg kien qieghed joffri li jaghmel il-Hdud minghajr hlas.

7.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat tal-aggudikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tenders u l-kuntratt ghas-servizz ta' gbir ta' skart domestiku jinghata lil Victor Borg. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b' mod unanimu (88)

## 8. HWEJJEG OHRA

8.1. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li hekk kif gie deciz fl-ahhar laqgha tal-kunsill, huwa kellem lill-Membru Parlamentari l-Onor Philip Mifsud dwar il-kaz tal-izvilupp gewwa Hal Mula. Il-Kunsillier Cortis spjega li l-Onor Mifsud ma kienx infurmat bil-kaz u talab li s-Sindku jaghmel kuntatt mieghu permezz ta' email.

8.2. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni dwar sigra li ghandha bzonn tinzabar hdejn Tarcisio McKay.

8.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar gibed l-attenzjoni tal-kunsilliera sabiex ikun hemm aktar rispett ghax-xoghol li jaghmlu bhala kunsilliera u dak li jigi diskuss waqt il-laqgha jinzamm bejn il-kunsilliera. Il-Kunsillier Cutajar spjega li kien hemm persuna li avvicinatu u wahlet fih li tort tieghu din il-persuna ma haditx tender.

8.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li dwar il-bollards tal-pjazza kienu ngabru l-kwotazzjonijiet u kien se jaghzel l-irhas wahda u flimkien maghhom kien se jibdel il-bankijiet ta' quddiem il-kazin tal-partit nazzjonalista.

8.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius nforma lill-Kunsill li lesta l-billboards tal-Milied li kellu jaghmel.

8.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li gie avvicinat minn persuna dwar problema ta' gharar f' Main street. Is-Sindku spjega li din il-problema tista tissolva billi jsir culvert li jaghqad ma dak ezistenti fil-kantuniera ma' triq il-Mithna. Is-Sindku spjega li kunsilli precedenti kellhom direzzjoni mid-Dipartiment biex ma jaghmlux culvert. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ghal dak ix-xoghol kien inhareg tender li kien jammonta ghal madwar €28,000 u li jekk il-kunsill irid li jwettaq il-progett tat-toroq li kellu ppjanat ma setax jonfoq dawn il-flus ghax ma kienx hemm fondi bizzejjed.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li tintalab stima tax-xoghol lil Raymond Calleja u tinkiteb ittra lid-dipartiment sabiex tigi verifikata r-responsabilta tal-kunsill dwar culverts. Kien hemm qbil ukoll li l-Onor. Philip Mifsud jintalab jaghmel mistoqsija parlamentari dwar is-suggett. Gie deciz ukoll li l-Kunsill jikteb lill-ADT dwar din il-materja.

8.7. Is-Sindku Alfred Grixti ried jiccara li l-Kunsill ma kienx se jorganizza festini fil-Milied ghall-anzjani u ghat-tfal minhabba l-memo 122 li hareg id-dipartiment li tirregola dawn l-affarijiet. Is-Sindku spjega li ghalkemm intalbet linja gwida lid-Dipartiment, dan baqa' ma wegibx ghall-emails li ntbaghtu.

Is-Sindku Alfred Grixti talab li jaghmel dikjarazzjoni dwar iz-zieda li kienu se jircievu s-Sindki in relazzjoni taz-zieda fl-onorarja tal-Membri Parlamentari. Is-Sindku ddikjara li ma kienx se jaccetta din iz-zieda u minflok kien se jaghti parti mis-somma lid-Dar tal-Providenza filwaqt li t-tieni parti taghha kien se jghaddiha b' risq fondazzjoni li kien hemm ippjanat li titwaqqaf flimkien mal-Arcipriet. Is-Sindku spjega li kien ghadu mhux cert l-iskop tal-fondazzjoni; hux bi skop karitatevoli jew inkella b' risq il-wirt u l-patrimonju Zebbugi, imma din is-somma kien se jaghtiha donazzjoni li din il-fondazzjoni biex tkun tista tibda topera.

8.8. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-gimghat ta' qabel kien ircieva telefonata minghand is-sur Lou Bondì tal-kumpanija Where's Everybody li qallu li kien hemm ghajdut li s-Sindku kien qieghed jipprova jinfluwenza l-process tat-tender dwar it-tender ghas-servizzi ta' events management u konsulenza ta' marketing. Is-Sindku spjega li kien huwa wiegeb li t-tenders kienu ghandhom qas infethu u li l-process kien qieghed jigi mmexxi minn kumitat indipendenti mahtur apposta sabiex ma jkunx hemm dubji ta' din

in-natura. Is-Sindku spjega li l-kumitat kien mudellat fuq il-Public Accounts Committee tal-parlament u dan kollu gie spjegat lis-sur Bondì. Is-Sindku temm jghid li s-sur Bondì kien accetta l-ispjegazzjoni tieghu anke in vista tal-fatt li s-Sindku kien ghamilha cara li jiehu passi legali mmedjati kontra min jaghmel tali asserzjoni fil-pubbliku.

Il-Laqgha spiccat fid-9.30pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |